MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1683/2001/1

**Carabott Limited**
**vs**

**Anthony Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-4 ta' Dicembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) u fejn intqal illi l-konvenut xtara curkett tad-deheb minghand is-socjeta' attrici u ghad fadal il-bilanc imsemmi.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 23 ta' Marzu, 2001, tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju, 2001. Bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat fl-20 ta' Frar, 2004 mis-socjeta' attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mitt lira (Lm400.00). Bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Mejju, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja datata 23 ta' Marzu, 2001, tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju, 2001 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------